VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,395, 20 ta' Marzu, 2015
Taqsima B

A.L. 95 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts – B.A. – u Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 11 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafi (1) u (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) jista' jingħata fi kwalunkwe wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju:

L-Antropoloġija, l-Arkeoloġija, il-*Classics*, il-Filosofija, il-Franċiż, il-Ġografija, il-Ġermaniż, l-Ingliż, l-Istorja, l-Istorja Ewropea u Globali, l-Istorja tal-Arti, l-Istudji Mediterranji Kontemporanji, l-Istudji tal-Mużika, l-Istudji Orjentali (iċ-Ċiniż), l-Istudji Orjentali (l-Ebrajk), l-Istudji Orjentali (l-Għarbi), l-Istudji Orjentali (in-*Near Eastern Studies)*, l-Istudji Soċjali, l-Ispanjol u l-Istudji tal-Amerika Latina, l-Istudji tat-Teatru, il-Lingwistika, il-Malti, ir-Relazzjonijiet Internazzjonali, is-Soċjoloġija, it-Taljan, u kwalunkwe qasam ta' studju ieħor irrakkomandat mill-Bord u approvat mis-Senat.

(2) Il-grad ta' Bachelor of Arts jista' jingħata fi kwalunkwe żewġ oqsma ta' studju minn dawk imniżżla fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament u/ jew minn:

l-*American Studies*, il-*Communication Studies*, il-*Comparative Religion*, l-Ekonomija, il-Grieg, in-*Knowledge and Information Management*, il-*Language Technology*, il-Latin, il-*Library Information and Archive Studies*, l-Istudji Mediterranji, il-Psikoloġija u kwalunkwe qasam ta' studju ieħor irrakkomandat mill-Bord u approvat mis-Senat."

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

4. Il-paragrafu (g) li ġej għandu jiżdied wara l-paragrafu (f) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali:

"(g) **għall-Istorja Ewropea u Globali**, jew bħala qasam ta' studju Prinċipali jew bħala qasam ta' studju Sussidjarju, jridu jkunu għaddew mill-eżami fil-Livell tal-Matrikola Avvanzat, jew l-ekwivalenti, bi Grad Ċ jew aħjar fl-Istorja;"